# Ġ 5.3 IS-SAJD U L-AKKWAKULTURA



**Ġ5.3.1**

Is-Sajd u l-Inġenji tal-baħar li jintużaw għas-Sajd.

## A. Imla l-vojt bil-kliem mogħti.

| | | | |
|---|---|---|---|
| bil-mutur | bir-rixa | naqsu | rdum |
| ix-xatt | bil-baħar | delizzju | *full-time* |

Malta u Għawdex huma gżejjer imdawrin _______________ , għalhekk is-sajd minn dejjem kien mezz ta' għajxien għal bosta Maltin u Għawdxin. Nistgħu ngħidu li llum, minħabba diversi raġunijiet, is-sajjieda _______________ ħafna. Illum f'pajjiżna hawn madwar 300 sajjied _______________ u xi 500 oħra *part-time*.



Però fl-istess waqt żdied ħafna s-sajd bħala _______________. Fi tmiem il-ġimgħa sirt tara kwantità kbira ta' dgħajjes żgħar _______________ li joħorġu jistadu bin-nassa, _______________ jew anke bil-qasba. Sikwit tara wkoll ħafna dilettanti li jistadu bil-qasba minn fuq _______________ jew idendlu xi nassa minn fuq xi _______________ .



Kull sajjied *full-time* ikollu biċċa mill-baħar fejn ikun jista' jistad matul l-istaġun.

**B. Ħares lejn ir-ritratti tal-inġenji tas-sajd, imbagħad aħdem it-taħriġ li jmiss.**



Il-Luzzu




Il-Kajjikk



L-Iskuna

**Imla l-vojt bil-kliem mogħti.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| tal-art | dgħajjes | opri | ikarkru |
| illegali | l-luzzu | maltemp | l-iskuna |

Id-dgħajjes illi s-sajjieda jużaw biex joħorġu jistadu bihom jgħidulhom 'inġenji' jew ________________ tal-baħar. Jintużaw diversi tipi ta' ________________ biex jinqabad il-ħut. L-iktar li jintużaw huma ________________, il-kajjikk u l-iskuna.

Il-luzzu u l-kajjik jużawhom għal sajd viċin ________________. Meta s-sajjieda jkunu se jmorru aktar 'il bogħod, u jkunu se jdumu aktar fuq il-baħar, jużaw ________________. L-iskuna hija ferm ikbar, tesa' iktar u tiflaħ iktar għall-________________.



L-iskuna ġieli nsejħulha *trawler*. Dawn kienu jintużaw biex ________________ xibka mal-qiegħ tal-baħar u hekk jaqbdu ħafna ħut. Però minħabba l-ħsara li kienet qiegħda ssir fil-bejtiet tal-ħut, dan il-metodu llum huwa ________________, jiġifieri kontra l-liġi, u għalhekk ma jistax isir.

## Ċ. Immarka t-tajbin.

1. Meta s-sajjieda joħorġu jistadu u jdumu ħafna fuq il-baħar, jużaw (skuna, *speedboat*, jott).
2. Għas-sajd tal-lampuki jużaw l-aktar (il-luzzu, it-*trawler*, il-jottijiet).
3. Ir-raħal Malti magħruf l-aktar għas-sajjieda huwa (l-Mosta, Marsaxlokk, Bormla).
4. (F'Marsaxlokk, Fiċ-Ċittadella, Fil-Fgura) is-sajjieda għandhom daħla kennija biex idaħħlu l-luzzijiet u l-kajjikki tagħhom.
5. Meta jistadu fil-viċin, is-sajjieda jużaw (il-kajjikk, il-jott, l-iskuna).
6. Bosta dilettanti jistadu bil- (qasba, nassa, kopp) għall-ħut viċin ix-xatt.

## D. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

1. X'tissejjaħ it-tip ta' dgħajsa li qed tara fl-istampa?

   ______________________________________________________

2. Min juża l-iktar din id-dgħajsa?

   ________________________________________



3. Kif jaqilgħu x'jieklu s-sidien ta' din id-dgħajsa?

_______________________________________________

4. Semmi raħal f'Malti jew f'Għawdex fejn tista' tara ħafna minn dawn it-tip ta' dgħajjes.

_____________________________________________________

5. Għaliex taħseb li bix-xogħol tiegħu, is-sid ta' din id-dgħajsa mhux biss jaqla' x'jiekol hu, imma wkoll jgħin lil ħafna nies oħra?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

## E. Intervista ma' Sajjied



| | |
|---|---|
| **ISEM**: | ___________________ |
| **DATA**: | ___________________ |
| **FEJN SARET L-INTERVISTA**: | _________________ |

1. X'inhu xogħlok?

__________________________________________________________________

2. Kemm ilek f'dan ix-xogħol?

__________________________________________________________________

3. Kif kont qbadt din is-sengħa?

__________________________________________________________________

4. X'għodda tuża f'xogħlok?

__________________________________________________________________

5. X'inġenji tas-sajd tuża meta toħroġ tistad?

______________________________________________

6. X'tip ta' ħut tistad l-iżjed għalih?

______________________________________________

7. Billi taħdem ħafna fuq il-baħar, naħseb li tkun qiegħed tissogra ħajtek. Tiftakar xi darba li ġejt wiċċ imb'wiċċ ma' xi maltempata kerha?

______________________________________________

______________________________________________

8. Taħseb li għad fadal ħafna sajjieda fil-gżejjer Maltin? Għaliex taħseb hekk?

______________________________________________

______________________________________________

9. Kieku kellek terġa' tibda mill-bidu, kont terġa' tagħżel li ssir sajjied? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________

## F. Qabbel billi timla l-vojt bil-kliem mogħti.

1. Kemm il-poppa u kemm il-pruwa ġejjin għall-ponta __________
2. Il-pruwa għall-ponta, il-poppa iktar ċatta. __________
3. Dgħajsa kbira mgħammra b'ħafna faċilitajiet għas-sajd. __________
4. Dgħajsa bil-qlugħ li tintuża għad-divertiment fil-ħin liberu. __________
5. Tintuża għad-divertiment fuq il-baħar, tiġri ħafna. __________

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **jott** | **kajjikk** | **luzzu** | **skuna** | ***speedboat*** |